**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 255/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Christopher Gatt**

Illum il-ħamsa (5) ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Christopher Gatt**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 177572(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-17 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' 02:00hrs u fil-ħinijiet ta' qabel fl-inħawi ta' "Pit Stop Petrol Station", fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Louise Chircop Ohanebo f'periklu ċar, ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ivan Micallef, detentur tan-numru tar-

Reġistru Mediku 2322 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, tikkunsidra lill-imputat bħala reċidiv b'sentenzi tal-Qrati Maltin u/jew Qrati barranin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Louise Chircop Ohanebo *ai termini* ta' Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat rat Artikoli 31, 49, 50, 214, 215, 216(1)(b), 223, 227(d), 230(c), 382A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu piena ta' sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal erba' (4) snin. Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar r-responsabilita' tiegħu taħt Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti imponiet fuq l-imputat Ordni ta' Trażżin favur il-*parte civile* għal żmien tliet (3) snin u liema ordni jifforma parti integrali mis-sentenza. Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta. Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€2,369.50c) rappreżentanti spejjeż peritali naxxenti mill-kawża.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-konfront tal-appellant nhar is-6 ta' Mejju tas-sena 2024 fil-proċeduri fl-ismijiet premessi, u għalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; u fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji dwar il-ħtija, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-piena u minflok tordna li l-istess appellant jiġi kkundannat għal dik il-piena aktar xierqa li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-26 ta' Ġunju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Mejju 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw allegat diverbju bejn il-parti leża Louise Chircop Ohanebo u l-appellant allura imputat. Jingħad li hekk kif il-parti leża marret biex tnaddaf il-vettura, kien hemm raġel (li jingħad li kien l-appellant) li beda jgħajjarha, huma bdew jilletikaw u r-raġel qabad u waddbilha siġġu għal rasha. Jingħad ukoll li b'konsegwenza ta' dan il-parti leża ġiet ċertifikata li kienet qed issofri minn ġrieħi gravi.

Illi l-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Ewwel Qorti li seta' jkun hemm proċeduri fil-konfront tal-parti leża u li b'hekk kien opportun li hija tingħata t-twissija. Għandu jingħad li meta l-Ewwel Qorti tat

it-twissija f'dan ir-rigward lill-parti leża, il-parti leża għażlet li ma tixhidx.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet hekk (*a fol.* 192):

> "Illi fil-proċeduri odjerni rriżulta li l-*parte civile* naqset milli tixhed dwar l-allegat reat. Din il-Qorti jirriżultalha wkoll li l-uniċi xhieda li setgħu raw xi ħaġa kienu xejn inqas minn kredibbli stante l-fatt li konvenjentement filwaqt li kienu jafu lill-imputat personalment, naqsu milli jiftakru eżattament x'ġara dakinhar tal-allegat reat.
>
> Illi għalhekk din il-Qorti ser ikollha teżamina xi provi ċirkostanzjali hemm fil-proċeduri sabiex tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha."

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew, alternattivament, tvarja s-sentenza appellata in kwantu tikkonċerna l-piena erogata fil-konfront tiegħu billi teroga piena aktar xierqa.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti

> ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-erba' aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi tqies li jkun opportun li qabel l-ewwel aggravju jiġi ndirizzat it-tieni aggravju u dana minħabba li fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li ma ngħatax il-*caution* neċessarja u lanqas ma ngħata aċċess għall-avukat meta ġie biex jiġi elevat il-filmat li jsir riferenza għalih fl-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni tal-filmat in kwistjoni u dana meta l-Pulizija talbu tali filmat minn għandu mingħajr ma tawh il-*caution* neċessarja u mingħajr ma tawh id-dritt li jikkonsulta ma' avukat. Jisħaq ukoll li fl-atti proċesswali ma hemm l-ebda prova dwar l-awtentiċita' ta' tali filmat. L-appellant jirreferi għal fatt li skont ix-xiehda mogħtija minn PS 2148 Denise Camilleri l-filmat ingħadda lill-Prosekuzzjoni minn għandu iżda ma nġabitx prova ta' min verament għadda dan il-filmat lill-Prosekuzzjoni u dana bi ksur taċ-*chain of evidence*. L-appellant jilmenta li mkien fl-atti proċesswali ma jirriżulta li hu ġie mwissi u ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi qabel ma ġie mitlub sabiex jgħaddi kopja tal-filmat lill-Pulizija. Jisħaq li skont l-Ewwel Qorti hija ħadet konsiderazzjoni tal-filmat sabiex tasal għal konklużjoni ta' sejbien ta' ħtija.

Illi l-appellant jgħid li jekk fatt jew ċirkostanza jistgħu jingħataw iktar minn interpretazzjoni waħda, din ma tkunx prova suffiċjenti.

Huwa jisħaq li f'dan il-każ jekk wieħed iqis il-provi mressqa, il-fatt li l-parte leża ma xehditx u li x-xiehda li nstemgħet kienet kollha *detto del detto* ma jistax ingħad li kien hemm prova ċara. Anzi jgħid li l-Ewwel Qorti baqgħet f'limbu għal dak li jirrigwarda r-rabta bejn il-ġrieħi allegati mill-parti leża u l-inċident. Jisħaq li in vista ta' dawn id-dubji, f'dan il-każ ma ntlaħaqx il-livell ta' prova rikjest fil-kamp kriminali sabiex tiġi determinata r-rabta bejn dawn il-ġrieħi li qed jingħad li ġew ikkawżati minnu u r-reat li hu ġie akkużat bih.

Illi din il-Qorti tibda billi tindirizza l-ilment imressaq mill-appellant rigward il-fatt li skont hu ma ngħatax aċċess għal avukat u lanqas ingħata l-*caution* meta ġie elevat il-filmat u dana billi tagħmel riferenza għal Artikolu 355AUA(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalita', il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:
>
> (a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorita' oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorita' ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;
>
> (b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);
>
> (c) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;
>
> (d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali,

> f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti."

Illi f'dan il-każ l-appellant kien meqjus mill-ewwel suspettat u għalhekk il-Pulizija kienet fid-dmir li tinfurmah bid-drittijiet tiegħu u tagħtih aċċess għal avukat mill-ewwel. Mill-atti proċesswali, senjatament mix-xiehda mogħtija minn PS 2148 Denise Camilleri fit-12 ta' Settembru 2022 jirriżulta li hija xehdet is-segwenti (*a fol.* 28):

> "Qabel ma ġie mitkellem ingħata s-soltu twissija, id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, kif ukoll jista' jagħżel id-dritt tas-silenzju. Hu għażel li jikkonsulta ma' Dr. Albert Zerafa u għamel dan minn fuq il-*mobile* tiegħu dak il-ħin stess. Wara li ħa dan id-dritt hu stqarr li m'għandu xejn xi jgħid, imbagħad qal: "Naf li għidt li m'hu ħa ngħid xejn, imma hawn tiegħi." Jien min-naħa tiegħi hemmhekk waqqaftu milli jkompli jitkellem peress li hu fuq parir tal-avukat tiegħu għażel id-dritt tas-silenzju."

Illi tajjeb jingħad f'dan l-istadju li kieku l-Pulizija ma tawx id-dritt għal avukat lill-appellant, dan ma kienx sejjer jeffettwa l-valur probatorju tal-filmat. Qed jingħad dan minħabba li kif jgħid Artikolu 355AUA(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dritt tal-avukat jiskatta mat-twettieq tal-elevazzjoni ta' evidenza. F'dan il-każ iżda l-appellant seta' diġa' jiġi kklassifikat bħala suspettat u għalhekk kien jiskatta l-obbligu tad-dritt għal konsulenza legali. Dan huwa dritt li jirriżulta li ngħata lill-appellant.

Illi rigward il-katina tal-provi marbuta mal-filmat in kwistjoni, din il-Qorti hija sodisfatta li kien proprju l-appellant li għadda l-filmat lil PS 2148 Denise Camilleri u li hija għaddiet il-filmat lill-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Ryan Vella. Dan il-fatt mhux merut mill-appellant għalhekk, tenut kont tal-partikolaritajiet ta' dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li t-traċċabilita' tal-filmat in kwistjoni hija ċara u konsegwentement il-valur probatorju tiegħu mhux mittiefes.

Illi rigward ir-rabta ta' bejn il-feriti tal-parti leża, minkejja dak li qal l-espert Dr. Mario Scerri rigward ferita preċedenti li kienet ġarrbet il-parti leża, mill-i*stills* li hemm fl-atti proċesswali tidher biċ-ċar id-dinamika tal-inċident u tidher ukoll li l-parti leża soffriet ferita fuq wiċċha.

Illi meta wieħed jara dawn l-i*stills* u jqies id-dinamika tal-inċident jirriżultalu li l-ferita li ġiet ċertifikata minn Dr. Mario Scerri fir-rapport redatt minnu (Dok "MS 2" – *a fol.* 144 *et seq.*) ġiet sofferta mill-parti leża proprju waqt l-akkadut. Dan jiġi wkoll imsaħħaħ miċ-ċertifikat mediku (Dok. "RV 3" *a fol.* 10) li ġie rilaxxat minn Dr. Ivan Micallef, liema ċertifikat inħareġ ftit wara l-akkadut.

Illi minn dak kollu li ngħad hawn fuq jirriżulta li t-tieni aggravju mressaq mill-appellant ma għandux jiġi milqugħ u għaldaqstant l-imsemmi aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jilmenta li fl-analiżi tal-provi ċirkostanzjali, l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika l-prinċipju li tali provi jridu jkunu univoċi, li jippuntaw biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. L-appellant jispjega li fil-kamp kriminali l-livell ta' prova li jrid jintlaħaq huwa dak lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Huwa jargumenta li l-prova reġina ċioè dik tal-parti leża hija nieqsa minħabba li hija ddeċidiet li ma tixhidx. Jgħid li għalhekk hemm dubju kbir dwar dak li verament ġara f'jum l-inċident.

Illi l-appellant jagħmel riferenza għal fatt li Dr. Mario Scerri għarraf lill-Qorti li fil-fehma tiegħu l-parti leża għażlet li ma tgħidx is-sewwa. Jgħid li fix-xiehda tiegħu Dr. Scerri jikkonferma li meta kien qiegħed ihejji r-rapport mediku tiegħu, huwa nduna li kien hemm rapport ieħor fuq il-parti leża u ċ-ċikatriċi li għamlet riferenza għaliha ma kinitx subita waqt l-allegat reat f'dan il-każ iżda waqt reat ieħor li seħħ fis-sena 2017. L-appellant jispjega li l-parti leża ma pprovdiet l-ebda informazzjoni dwar id-data meta seħħ l-inċident u li l-ħin ma jaqbilx ma' dak li hemm fil-

komparixxi. Jisħaq li l-gideb tal-parti leza jwassal għal dubji serji dwar il-kredibilita' tagħha bil-konsegwenza li jinħolqu dubji serji dwar jekk il-ferita li qed jiġi allegat li saret minnu saritx fil-verita' minnu. Ikompli billi jirreferi għal fatt li l-Ewwel Qorti straħet fuq dak li xehed Joseph Buttigieg iżda naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li dak li qal dan ix-xhud ma jaqbilx mal-ħin li hemm indikat fil-komparixxi.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li għalkemm il-parti leża naqset milli tixhed f'dan il-każ, fl-atti proċesswali hemm provi biżżejjed sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal għal konvinċiment morali dwar dak li ġara. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet preċedentement dwar il-filmat tas-CCTV u ta' kif ġie elevat korrettament.

Illi rigward il-puntwalizzazjoni magħmula minn Dr. Mario Scerri dwar waħda mill-feriti tal-parti leża, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li hija soffriet ferita u din hija ppruvata kemm mill-i*stills* li hemm fl-atti proċesswali fejn hija tidher b'ferita f'wiċċha. Minbarra dan, fl-istess *stills* tidher ben tajjeb is-sekwenza tal-aggressjoni bis-siġġu. Finalment il-ferita sofferta mill-parti leża hija wkoll ċertifikata fiċ-ċertifikat (Dok. "RV 3" – *a fol.* 10) li ġie mhejji minn Dr. Ivan Micallef. L-istess tabib ikkonferma in-natura tal-ġrieħi sofferti mil-parti leża waqt ix-xiehda mogħtija minnu fit-12 ta' Settembru 2022 (*a fol.* 42 *et seq.*). Għalhekk din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju dwar id-dinamika tal-inċident u n-natura tal-ferita sofferta mill-parti leża.

Illi rigward il-ħin li hemm indikat fiċ-ċitazzjoni jirriżulta li fiċ-ċitazzjoni hemm imsemmi hekk: *"għal ħabta tas-02:00hrs u fil-ħinijiet ta' qabel"*. Fiċ-ċitazzjoni d-data hija ndikata bħala s-17 ta' Novembru 2020. Id-data msemmija u l-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni jaqblu ma' dak li hemm imniżżel fir-rapport (Dok. "DC 1" – *a fol.* 33 *et seq.*). Għal kull buon fini jingħad li fir-rapport imsemmi hemm imniżżel ukoll li l-Pulizija rċevew rapport tal-inċident fis-2.15am. Minbarra dan, fir-rapport (Dok. "JSA" – *a fol.* 80 *et seq.*) imħejji mill-Perit Tekniku John Sacco, b'mod partikolari mir-ritratti li jiffurmaw parti mir-rapport imsemmi, id-data stampata

fir-ritratti hija dik tas-17 ta' Novembru 2020 u l-ewwel ritratt iġib il-ħin ta' 01.41. Tenut kont ta' dan jirrizulta li d-data u l-ħin li hemm fiċ-ċitazzjoni jaqblu mad-data u l-ħin tal-inċident hekk kif jirriżultaw fl-atti proċesswali.

Illi rigward ix-xiehda ta' Joseph Buttigieg, din il-Qorti tibda billi tinnota li l-Ewwel Qorti ma straħitx biss fuq il-verżjoni mogħtija minnu iżda serrħet ukoll fuq il-filmat tas-CCTV u fuq ir-rapporti mediċi li hemm fl-atti proċesswali. Minn analiżi tax-xiehda mogħtija minn Joseph Buttigieg quddiem l-Ewwel Qorti jidher biċ-ċar li x-xhud ma ftakarx id-data tal-akkadut. Huwa speċifika li kienet ix-xitwa. Minkejja li Buttigieg ma kienx ċert mid-data iżda il-fatti li rrakkonta kienu ċari u jaqblu ma' dak li jirrizulta mill-i*stills*. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha għalfejn tiddubita minn dak li huwa xehed.

Illi b'hekk, meħud in konsiderazzjoni ta' dak kollu li ngħad fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dan illi anke dan l-aggravju jistħoqqlu jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti applikat b'mod żbaljat Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jirreferi għal fatt li sabiex tiġi ppruvata r-reċidivita' tiegħu, il-Prosekuzzjoni ppreżentat dik li huwa jsejjaħ bħala sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Limburg. Jisħaq li huwa ma kellux jinstab ħati li kien reċidiv: la *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wisq anqas ta' Artikolu 50 tal-imsemmi Kapitolu. Jgħid li kull ma hemm fuq id-dokument imsemmi huwa ismu u kunjomu u d-data ta' twelid iżda ma ġiex identifikat bin-numru tal-identita' tiegħu. Jgħid ukoll li l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib bħala prova li din kienet sentenza definittiva u *res judicata*.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li dik li ssir riferenza għaliha bħala "sentenza" *ossia* Dok. "RV 7" (*a fol.* 121)

m'hijiex effettivament sentenza pero' hija l-fedina penali tal-persuna indikata fih li ġiet riċevuta mill-Olanda. Dan jgħidu Jamie Pace waqt ix-xiehda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 153 *et seq.*). Jgħid l-istess ħaġa wkoll l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Ryan Vella waqt id-depożizzjoni mogħtija minnu fis-17 ta' Frar 2023 (*a fol.* 120) quddiem l-istess Qorti msemmija. B'hekk jista' serenament jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti ma ġiet ippreżentat l-ebda sentenza f'dan is-sens.

Illi apparti minn dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti għandu jingħad ukoll li għandu raġun l-appellant meta jgħid li Dok. "RV 7" (*a fol.* 121) ma għandu l-ebda numru ta' identifikazzjoni li b'xi mod jew ieħor jista' jiġi abbinat miegħu u dana qed jingħad b'mod partikolari minħabba li fid-dokument imsemmi anqas hemm imniżżel l-ismijiet tal-ġenituri tal-imsemmi Christopher Gatt. Għaldaqstant, minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, it-tielet aggravju tal-appellant ser jiġi milqugħ bil-konsegwenza li l-appellant ser jiġi liberat mill-addebitu tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva speċjalment meta wieħed iqis li l-parti leża għażlet li ma tixhidx. Skont l-appellant, dan il-fatt li għadu kemm ingħad jista' jiġi kkunsidrat bħala maħfra.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta rrimarkat li l-appellant ma kellux jirreaġixxi billi jgara siġġu lejn il-parti leża u dana minkejja li hi bdiet tgħajjru kif ukoll theddu li tirrilaxxa l-kelb fuqu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-

ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*. Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi din il-Qorti tinnota li l-fatt li l-parti leża għażlet li ma tixhidx ma jista qatt jiġi kkunsidrat bħala maħfra *per se*. Apparti minn dan, għandu jingħad ukoll li l-proċeduri f'dan il-każ tmexxew *ex officio*.

Illi jkun opportun li jingħad li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant allura imputat għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal erba' (4) snin. Għandu jingħad ukoll li ġialadarba l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant allura imputat ħati tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija kienet prekluża milli tagħti sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż u dana fid-dawl ta' dak li jipprovdi Artikolu 28A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma ġie mressaq l-ebda appell mill-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward.

Illi minkejja dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti u minkejja li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mill-addebitu tar-reċidiva kif imsemmi aktar 'il fuq u b'hekk peress li din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż jista' jingħata minn din il-Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tilqa' ir-raba' aggravju. Dan qiegħed jingħad wara li jiġi kkunsidrat il-livell ta' vjolenza li kienet involuta u meta jiġi kkunsidrat il-piena li setgħet tingħata għall-imputazzjoni li l-appellant allura imputat instab ħati tagħha mill-Ewwel Qorti fejn is-sejbien ta' ħtija ġie konfermat minn din il-Qorti (għajr għar-reċidiva). Għaldaqstant, ir-raba' aggravju qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Christopher Gatt u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu għajr għal fejn sabitu ħati tal-addebitu tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema parti qed tiġi mħassra u revokata;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal erba' (4) snin;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta mponiet fuq l-appellant Ordni ta' Trażżin favur il-parti leża għal żmien tliet (3) snin;

- tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€2,369.50c) rappreżentanti spejjeż peritali naxxenti mill-kawża.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**